

Brussell, 16 ta' Settembru 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0186(COD)

13264/24
ADD 1

CODEC 1786
AVIATION 111

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali u għas-setgħat tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-abbozz tal-baġit, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni biex tipproponi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali l-ħolqien ta' linja baġitarja ta' appoġġ amministrattiv addizzjonali taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), iffinanzjata mill-appropriazzjonijiet disponibbli tal-FNE kif identifikati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva pprovduta mill-Kummissjoni. Din il-linja baġitarja l-ġdida tkun tkopri l-kost tal-aġenti kuntrattwali u nfiq amministrattiv ieħor għas-Segretarjat tal-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, il-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u l-Bord ta' Kooperazzjoni tal-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali bħall-assistenza teknika, il-kostijiet tal-esperti, il-kuntratti għall-forniment tad-data, l-istudji esterni u għal servizzi ta' konsulenza addizzjonali, filwaqt li l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal ser jiġu ffinanzjati mil-linja baġitarja amministrattiva taħt l-Intestatura 7, b'rispett sħiħ tar-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali. Sa fejn ikun possibbli, tali finanzjament taħt l-FNE għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-fondi diġà allokat fl-aħħar Programm ta' Ħidma dwar it-Trasport tal-FNE.

Il-finanzjament taħt l-FNE ta' aġenti kuntrattwali u nefqiet amministrattivi oħra għas-Segretarjat tal-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, il-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u l-Bord ta' Kooperazzjoni tal-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali ma għandux jistabbilixxi preċedent għall-finanzjament tas-Segretarjat ta' bordijiet oħra. Ma għandu jipprejudika bl-ebda mod l-arranġamenti ta' finanzjament li għandhom jiġu miftiehma fil-qafas tar-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.
